MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 465/1998/1

Kawza fil-lista: 36

**Bank of Valletta plc**
**Vs**
**Michael Micovic**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facilities" lill-konvenut Michael Micovic;

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Michael Micovic fl-ammont ta' hamest elef, tlett mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin u sittin centezmu (Lm5,323.60) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-konvenut Michael Micovic mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A u Dok.

B1 sa B2) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1997 sad-data tal-effettiv pagament;

U premess illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Novembru 1996 li qed tigi hawn esibita u markata Dok C sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti;

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

1. Tikkundanna lill-konvenut Michael Micovic ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, tlett mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin u sittin centezmu (Lm5,323.60) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-konvenut Michael Micovic mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A u Dok. B1 sa B2) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1997 sad-data tal-effettiv pagament;
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Novembru 1996 (Dok C) u tal-Mandati ta' Sekwestru u Ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Preliminarjament illi l-ammont pretiz mhux dovut stante li l-konvenut qatt ma ssellef flus minghand is-socjeta' attrici;

Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt illi l-konvenut huwa legalment mizzewweg u ghalhekk jehtieg li tigi kjamata fil-kawza l-mara tieghu.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta' attrici qed tippretendi minghand il-konvenut is-somma ta' Lm5,323.60 bilanc ta' debitu f' zewg loan

accounts f' isem l-attur fil-bank attur, bin-numri 30207637013 u 30207637026 miftuhin rispettivament f' Mejju u f' Awissu tas-sena 1994.[1] It-talba hija msejsa fuq il-kawzali li s-socjeta' attrici kienet ikkoncediet "loan facilities" lill-istess konvenut li minn naha tieghu qed jeccepixxi li huwa m' ghandux jaghti l-imsemmi ammont "stante li l-konvenut qatt ma ssellef flus minghand is-socjeta' attrici."[2]

Mill-provi akkwiziti ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Mary Micovic, omm l-attur, kienet hadet loan mill-imsemmi Bank jew l-awtur tieghu, u mal-mewt taghha kien ghad fadal bilanc li ddevolva b' responsabilita' solidali fuq ulieda l-eredi taghha, fosthom l-attur. Jidher li fost dawn inqala' dizgwid stante li wiehed minnhom u cioe' Milos Milocovic ma riedx li dan id-debitu jigi onorat. Ittiehdu proceduri gudizzjarji li gew defenittaviment konkluzi bid-dezerzjoni tal-appell minn naha tal-imsemmi Milos Milocovic fl-1 ta' Dicembru 1993.

In segwitu b' ittra datata 16 ta' Dicembru 1993, l-Avukat Dottor Pierre Lofaro, ghan-nom ta' uhud mill-eredi ta' Mary Milocovic, fosthom l-attur, kiteb lill-Bank attur, u informah li l-prezz tal-bejgh tal-fond 54 Cathedral Street, Sliema kellu jgi versat direttament lill-Bank, li minn naha tieghu kellu jirrinunzja ghar-responsabilita' solidali.

Illi b'ittra responsiva datata 17 ta' Marzu 1994 il-Bank informa lill-imsemmi Avukat li huwa kien accetta li kien lest li jirriunzja ghad-drittijiet tieghu fuq l-imsemmi fond bil-kondizzjoni li l-prezz kollu jithallas direttament lill-Bank u ddikjara li kien lest li jirrinuzja ghad-dritt tas-solidarjieta' b' mod li "each heir of the late Mary Micovic will be solely responsible for his/her remaining share of the debit balance." In fine, talab il-firma tal-eredi koncernati, fosthom tal-attur, "thus confirming their acceptance to the above terms and conditions". L-attur iffirma din l-ittra ghax kif iddikjara fl-affidavit tieghu " as I agreed fully with the spirit of the letter I signed it."[3]

[1] Doks.A u B1,B2 – fols.5 - 7
[2] Fol.21
[3] Dok.PG2 - fol.82

Illi b' ittra sussegwenti datata 24 ta' Gunju 1994 mibghuta lill-attur, il-Bank informah li l-debit balance dovut minn Mary Micovic kien ta' Lm20,266.38,6, eskluz l-imghax dovut mis-27 ta' Mejju 1994, u wkoll li l-prezz rikavat mill-bejgh tal-imsemmi fond kien gie versat kompletament fil-loan account taghha "thus reducing the balance accordingly." Il-bank informah li kien qed jirrilaxxjah mir-responsabilita' solidali u li l-eredi individwali kienu ser jkunu responsabbli biss ghas-sehem taghhom "to be debited to a loan account to be opened in your name at our Republic Street, Branch." u li l-imghaxijiet u r-rikavat mis-sehem tieghu tas-securities ezistenti fl-assi ereditarju tal-imsemmija Mary Micovic, jigu versati direttament f' dan il-kont – "will be credited to your loan account in repayment." Huwa gie mitlub jattesta l-kunsens tieghu billi jiffirma l-istess ittra. Di fatti anke din l-ittra giet iffirmata mill-konvenut, ghax kif qal hu stess fl-affidavit tieghu " I agreed with the spirit of it and signed.."[4]

Ghalhekk mill-premess ghandu jirrizulta car li l-attur kien konxju u konsapevoli ta' dak li kien qed jipproponi l-bank, u huwa accettah billi pogga l-firma tieghu, skond kif miltub jaghmel, fil-kaz ta' konferma, fuq l-ittri rispettivi. Rizultat ta' dan, l-attur ikkonfirma li huwa qabel ma' u ried dak li ffirma ghalih. Dan jinsab konfermat fl-affidavit tieghu. Huwa qabel u ried li, inter alia, jinfetah kont ta' self fuq ismu u li kien jirrappresenta s-sehem dovut minnu mid-dejn ta' ommu; huwa wkoll qabel, u ried, li r-rikavat mis-securities jigu depositati fl-imsemmi kont "in repayment."

Iz-zewg ittri jinsabu ffirmati miz-zewg partijiet, kemm minn naha tal-Bank kif ukoll minn naha tal-konvenut li meta ffirma ma ghamel ebda rizerva, u ghalhekk ma jistax jinghad li ma jezistix l-idem placitum consensus, stante li z-zewg partijiet qabblu fuq il-kontenut tal-ittri, liema intenzjoni u volonta' taghhom tinsab manifestata fil-firma taghhom fuq dawn iz-zewg dokumenti. Inoltre, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li ghall-validita' ta' skrittura mhux necessarju li l-firem isiru fl-istess hin, dak li hu necessarju

---

[4] Ittra dok.PG3 –fol.45; affidavit – fol.82

hu li l-iskrittura jkollha l-firem tal-partijiet involuti u konsenzjenti.

Di fatti, tosserva l-Qorti, ghalkemm il-kontijiet infethu f' Mejju u Awissu tas-sena 1994 ma jirrizultax mill-atti li kien hemm xi oggezzjoni, jew protesta, jew xi talba ghal kjarifika ulterjuri da parti tal-istess konvenut jew ta' xi hadd – u dan nonostante l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenut fis-19 ta' Novembru 1996 li giet notifikata lilu bil-mezz kontemplat fl-Artikolu 187[3] tal-Kap.12. Ir-relevanza ossia l-importanza ta' dan il-fatt jirrisjedi fl-allegazzjoni maghmula mill-konvenut fl-affidavit tieghu fis-sens li, ghalkemm kien jqabel ma' "l-ispirtu" [sic] tal-imsemmija ittri, huwa xorta wahda baqa' jistenna' li l-Bank jibghatlu statement dettaljat tal-debitu ezistenti fil-kont ta' ommu.

F' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-fatti kif jirrizultaw mill-atti processwali jimmilitaw kontra din it-tesi tal-konvenut, u dan qed jinghad in bazi ghal konsiderazzjoni li, kieku verament din kienet l-unika raguni ghaliex il-konvenut kien qed jirrifjuta li jhallas id-debitu indikat fil-loan account tieghu – wara li ffirma l-imsemmija ittri – kieku ma kienx ihalli dak iz-zmien kollu jghaddi inutilment sabiex jirregistra din it-tip ta' oggezzjoni. Jigi ribadit li l-kontijiet infethu f' Mejju u f' April tas-sena 1994, u minn dak in-nhar sad-data tal-affidavit tieghu mahluf fis-19 ta' Ottubru 2004, din kienet l-ewwel darba li ssolleva dan il-pretest. Jigi osservat li fl-eccezzjoni tieghu, kif ukoll fid-dikjarazzjoni annessa, l-konvenut qal li l-ammont ma kienx dovut minnu, mhux ghax huwa ma ghad baqalu jaghti xejn lil bank, izda semplicement u unikament ghax "il-konvenut qatt ma ssellef minghand is-socjeta' attrici."[5]

In propositu l-Qorti tosserva li, ghalkemm fic-cirkostanzi li rrizultaw, il-kawza dedotta fic-citazzjoni setghet kienet deskritta b' mod izjed elaborat, mill-banda l-ohra, ma jistax jinghad b' mod assolut li l-konvenut ma ssellifx minnghand il-bank, stante li bil-kunsens, u that il-firma tieghu, infetah loan account fuq ismu <u>ghall-ammont minnu dovut</u> rapprezentanti sehemu mis-self ta' ommu. Ghaldaqstant

[5] Fol.21

t-talba tas-socjeta' attrici, tinsab koperta bil-kawzali dedotta.

Illi rigward it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, il-Qorti tosserva li din ma gietx sostnuta minn provi.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm5,323.60) bl-imghax legali kif mitlub; bl-ispejjez a kariku ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------